MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1306/2002/1

**Avviz Numru 1306/02 AJD**
**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Simon Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tlettax il-lira Maltin(Lm613.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes legali komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 9 ta' April 2002 u bl-imghax legali mill-istess data, sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata mill-konvenut.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tlettax il-lira Maltin(Lm613.00), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------